30 ta' Lulju, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Francesco Buhagiar

## Sentenza — Nullità.

*Il-Qorti, fid-deċiżjoni tagħha, għandha ssemmi l-artikolu tal-liġi li ssib lill-imputat ħati; imma l-artikolu tal-liġi li għandu jiġi ċitat hu dak li jipprevedi r-reat, u mhux neċessarjament ukoll dak li jikkommina l-piena.*

*Għalkemm hu desiderabbli u aktar regolari illi l-Qorti ssemmi wkoll l-artikolu li jikkommina l-piena, mhix nulla s-sentenza tal-istess Qorti meta ma ssemmix ukoll dan l-aħħar imsemmi artikolu tal-liġi.*

L-imsemmi Buhagiar ġie akkużat talli f'Ħal Qormi, fit-13 ta' April 1955, f'xi l-5.40 a.m., kiser volontarjament il-bon ordni u l-kwiet tal-publiku bl-għajjat, qabad oġġett iebes kontra Ġużeppi Grima, u ttanta li jsawwtu bl-istess; barra minn dan, tkellem faħxi u oxxen fil-publiku;

Il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, b'sentenza tagħha tat-18 ta' Mejju 1955, sabitu ħati u kkundannatu għall-ammonizzjoni u riprensjoni talli għamel distorbju, 10s. talli mpunja tnalja u serrieq, u £5 ammenda talli tkellem faħxi u oxxen fil-publiku;

L-imputat appella, imma huwa jillimita l-appell tiegħu għall-kundanna għall-kliem faħxi; fis-sens illi, waqt li hu jammetti l-imputazzjonijiet l-oħra tad-distorbju, ta' l-impunjazzjoni ta' oġġett iebes kontra Giuseppe Grima, u tal-kliem oxxen fil-publiku, huwa jiċħad illi tkellem faħxi;

L-imputat jibbaża l-appell tiegħu, hekk limitat, fuq żewġ motivi: li s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, rigward l-akkuża tal-kliem faħxi, hi nulla, għaliex fiha ġie ċitat biss l-artikolu 352(z), u mhux ukoll l-art. 355(a) tal-Kodiċi Kriminali; u li mill-istess Qorti ġiet attribwita kredibbilità lil Giuseppe

Grima u martu, li kienu qegħdin jiġġieldu miegħu, u mhux lilu, li xehed pożittivament illi hu ma tkellimx fañxi;

Fuq dan l-appell, dina l-Qorti kkunsidrat;

Rigward l-ewwel motiv, kif ġie deċiż minn dina l-Qorti fil-11 ta' Diċembru, 1943, fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Wistin Xuereb", hu veru illi l-Qorti fid-deċiżjoni tagħha għandha ssemmi l-artikolu tal-liġi li fuqu ssib lill-imputat ħati; imma l-artikolu tal-liġi li għandu jiġi ċitat hu dak li jipprevedi r-reat, u mhux neċessarjament ukoll dak li jikkommina l-piena. Għalkemm hu desiderabbli, u aktar regolari, illi l-Qorti ssemmi wkoll l-artikolu li jikkommina l-piena, mhix nulla s-sentenza ta' l-istess Qorti billi ma ssemmix ukoll dan l-aħħar imsemmi artikolu tal-liġi (Kollez. Vol. XXXI-IV-546). Fil-każ taħt konsiderazzjoni hu l-art. 352(z) tal-Kodiċi Kriminali li jipprevedi r-reat fil-kwistjoni; u dan l-artikolu tal-liġi ġie debitament ċitat fis-sentenza appellata. Għalhekk, in konformità ma' dak li ntqal, is-sentenza appellata, fuq dan il-motiv addott mill-imputat, ma tistax tiġi dikjarata nulla. Dan jingħad apparti mill-konsiderazzjoni, li ma hemmx lok li tiġi żvolta, li f'dan il-każ ma kienx hemm lanqas għalfejn jiġi ċitat fis-sentenza appellata l-artikolu tal-liġi msemmi mill-imputat, għaliex iċ-ċitazzjoni ta' dak l-artikolu kienet tkun superfluwa;

Rigward it-tieni motiv, jekk minn banda waħda l-imputat xehed pożittivament illi huwa ma tkellimx fañxi, mill-banda l-oħra Giuseppe Grima u martu xehdu t-tnejn, ukoll pożittivament, illi l-imputat tkellem fañxi. Għalhekk f'dan il-każ ma jittrattax minn kwistjoni ta' dubju, imma minn dik ta' kredibbilità; u dina l-Qorti, bħal ma għamlet l-Ewwel Qorti, jidhirlha illi għandha tattribwixxi kredibbilità lil Giuseppe Grima u martu, u mhux lill-imputat. Hu biżżejjed magħruf illi l-fatt li jkun hemm xhud wieħed biss biex isostni l-akkuża mhux ostakolu biex l-istess akkuża tiġi miżmuma bħala pruvata; basta li dak ix-xhud jiġi emmnut; għaliex id-depożizzjoni ta' xhud wieħed biss, meta tiġi emmnuta minn min għandu jiġġudika, tiswa bħala prova bħal li kieku l-fatt ġie pruvat minn żewġ xhieda jew iżjed. Issa, fil-każ taħt konsiderazzjoni........;

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-motivi addotti mill-imputat kontra s-sentenza appellata mhumiex sostenibbli;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata Żmien għall-ħlas tal-piena ħmistax il-ġurnata.

---